**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 6 ta' Ottubru 2020**

**Rikors Numru : 134/2020  JPG**

**Kawza Numru : 16**

**GB**

**Vs**

**PA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' GB datat 18 ta' Mejju 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżżewwġu nhar it-22 ta' Awwissu 1981 fil-Knisja Parrokkjali ta' Kristu Re ġewwa Ta' Xbiex, liema żwieġ ġie reġistrat mar-reġistru pubbliku bin-numru progressiv X kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat Dok A.*

*Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin tat-13 ta' Mejju 2004 li kopja tiegħu qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dok B.*

*Illi l-partijiet ilhom jgħixu ħajja separata għal oltre 4 snin u għalhekk huma intitolati biex japplikaw għad-divorzju.*

*Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u l-partijiet huma kuntenti jgħixu ħajja separata tagħhom u dan kif jirriżulta mill-affidavit tal-esponenti hawn anness u mamrkat Dok C.*

*Illi l-esponent dejjem ħallas il-manteniment ta' Lm 40 fix-xahar dovut lill-mara u ma hemm l-ebda manteniment pendenti.*

*Illi in oltre minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom żewġt itfal, ossija M u J B, li llum il-ġurnata għandhom Y u Z sena u għalhekk ovvjament ma hemm l-ebda manteniment dovut għalihom.*

*Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju, skond l-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi jogħġobha:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet*
2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'dan il-ħall taż-żwieġ.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ix-xhieda bl-affidavit;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**GB** xehed bl-affidavit (dok C, fol 19) illi huwa iżżewweġ lil PA fit-22 ta' Awwissu 1981 fil-Knisja Parrokjali ta' Kristu Re ġewwa Ta Xbiex liema żwieġ ġie reġistrat mar-Reġistru Pubbliku

bin-numru progressiv 1634/81 kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin fit-13 ta' Mejju 2004. Illi minn dak in-nhar tas-separazzjoni personali 'l hawn, il-partijiet għexu ħajja separata minn xulxin, u għalhekk ilhom separati għal dawn l-aħħar 16-il sena. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni. Illi permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni huwa kellu jħallas lill-martu manteniment ta' Lm 40 ekwivalenti għal € 93.17 c fix-xahar bi standing order, u huwa dejjem hekk għamel. Illi din l-istanding order għadha viġenti, u għalhekk l-manteniment jinqata awtomatikament u għalhekk ma hemm l-ebda manteniment pendenti jew dovut lil martu. Illi xehed ukoll illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal, illum maġġorenni u għandhom 'l fuq minn tletin sena, u għalhekk l-ebda manteniment ma huwa dovut lilhom.

PA xehdet bil-ġurament (fol 26) illi hija izzewwġet lil GB fit-22 t'Awwissu 1981 u li minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal, illum maġorenni u li għandhom 'l fuq minn 30 sena. Dan iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni fit-13 ta' Mejju 2004. Illi minn dak in-nhar tal-kuntratt ta' separazzjoni personali 'l hawn, ma kienx hemm rikonċiljazzjoni u lanqas hemm tama tal-istess. Finalment xehdet ukoll illi l-manteniment dejjem tħallas u li ma hemm l-ebda arretrati tal-istess.

Fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2020, a fol 24, l-intimata iddikjarat illi hija mhux qegħda topponi għad-divorzju. F'dik is-seduta ukoll, l-attur obbliga ruħu li huwa jħallas għall-ispejjez kollha ta' dawn il-proċeduri.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta***

***li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-22 ta' Awwissu 1981 (Vide Dok A fol 4) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom żewġt itfal, maġorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin, datat 13 ta' Mejju 2004 (vide Dok. B fol 5 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi arretrati ta' manteniment ma hemmx u l-manteniment dovut lill-mara jitħallas permezz ta' *standing order* viġenti.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez ikunu a karigu tal-attur.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**